

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2011 — Hitachi et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-112/07) <sup>(1)</sup>

*(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-proġetti li jirrigwardaw switchgear insulat bil-gass — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Tqassim tas-suq — Drittijiet tad-difiża — Prova tal-ksur — Ksur uniku u kontinwat — Multi — Gravità u tul tal-ksur — Effett dissważiv — Kooperazzjoni)*

(2011/C 252/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Hitachi Ltd (Tokyo, il-Ġappun); Hitachi Europe Ltd (Maidenhead, ir-Renju Unit); u Japan AE Power Systems Corp. (Tokyo) (rappreżentanti: M. Reynolds, P. Mansfield u B. Roy, solicitors, D. Arts, avukat, N. Green, QC, u S. Singla, barrister)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn F. Arbault, sussegwentement minn X. Lewis, imbagħad minn P. Van Nuffel u J. Bourke, u finalment minn P. Van Nuffel, N. Khan u F. Ronkes Agerbeek, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)

#### Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear insulat bil-gass), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u talba għall-annullament tal-multi imposti fuqhom, sussidjarjament, talba għall-annullament tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni sa fejn dan jirrigwarda lir-rikorrenti u, iktar sussidjarjament, talba għat-tħassir jew għal tnaqqis tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-rikorrenti huma kkundannati għall-ispejjeż.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2011 — Toshiba vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-113/07) <sup>(1)</sup>

*(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-proġetti relattivi għal apparat ta' distribuzzjoni ta' elettriku iżolat bil-gass — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Tqassim tas-suq — Drittijiet tad-difiża — Prova tal-ksur — Ksur uniku u kontinwu — Multi — Gravità u tul tal-ksur — Motivazzjoni — Ammont inizjali — Sena ta' referenza”)*

(2011/C 252/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Toshiba Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: inizjalment J. MacLennan, solicitor, A. Schulz u J. Borum, avukati, sussegwentement J. MacLennan u A. Schulz)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Arbault u J. Samnadda, sussegwentement X. Lewis, sussegwentement J. Bourke u F. Ronkes Agerbeek, fl-aħħar nett J. Ronkes Agerbeek u N. Khan, aġenti)

#### Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Apparatt ta' distribuzzjoni ta' elettriku iżolat bil-gass), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, talba għal emenda tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni msemmija bil-għan li jiġi annullat jew imnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

#### Dispożittiv

(1) L-Artikolu 2(h) u (i) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Apparatt ta' distribuzzjoni ta' elettriku iżolat bil-gass), huwa annullat sa fejn jikkonċerna lil Toshiba Corp.

(2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.

(3) Toshiba għandha tbatli kwarti mill-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

(4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatli kwart mill-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 9.6.2007.

<sup>(1)</sup> ĠU C 140, 23.06.2007.